MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tat-13 ta' Frar, 2003

Talba Numru. 1783/2002

**U.D.C. Euro Limited**

**Vs**

**Joseph Bonavia f'ismu proprju
u f'isem is-socjeta' Bonavia stores Limited**

## It-Tribunal

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut pro et noe ghall-hlas tas-somma ta' tlett mija u tmienja u erbghin lira Maltin (Lm348) liema somma hija dovuta lis-socjeta' attrici bhala bilanc minn ammont akbar relattiv ghall-ordni u konsenja ta' bieb ta' garaxx li sar mis-socjeta' attrici fuq inkarigu tal-konvenuti.

Dina s-somma baqghet ma thallsitx minkejja li l-konvenuti gew interpellati anke permezz ta' ittra ufficali datata 7 ta' Marzu 2002.

Bl-ispejjes u bl-imghax mid-data tal-konsenja.

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa’ ma pprezentax risposta.

Sema’ lil Avv. Dr. Noel Camilleri  jikkonferma bil-gurament li l-ammont ghadhu dovut.

Jiddeciedi billi jilqa' it-talbiet attrici u jikkundanna lil konvenut ihallas is-somma ta’ tlett mija tmienja u erbghin Lira Maltin (Lm348) bl-ispejjes u bl-interessi kif mitluba.

--------------------------------TMIEM--------------------------------